MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 542/2013

GO **p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Spulber Marius Costel**
**K.I. 39141(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu, is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta’ sitt mija u wieħed u ħamsin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€651.98) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack 33, kont numru *A/C 40191707*, u li jinkludi t-telefon 21454973; u s-servizzi tat-televiżjoni 1425119137 u 1425141380, u servizz tal-internet, liema servizzi ġew ikkuntratti permezz tal-kuntratt datat 27 ta’ Jannar 2012;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta’ sitt mija u wieħed u ħamsin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€651.98), bl-imgħax legali dekorribbli mill-4 ta’ Ġunju 2013, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 1264/13, sad-data

tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------